**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0026/2024/err01**

11.12.2024

# ADDENDUM

għar-rapport

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali
(COM(2024)0495 – C10-0148/2024 – 2024/0274(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Veronika Vrecionová
A10-0026/2024

**L-abbozz tal-pożizzjoni tal-PE wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti tal-Parlament u tal-Kunsill għandha taqra:**

**REGOLAMENT (UE) 2024/...**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali**



*Magħquda fid-diversità*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja[3],

---

1 Opinjoni tal-4 ta' Diċembru 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
2 Opinjoni tal-21 ta' Novembru 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta '… [(ĠU …)/(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' … .

Billi:

(1) Id-diżastri naturali reċenti fiċ-Ċentru u fil-Lvant tal-Ewropa, kif ukoll fin-Nofsinhar tal-Ewropa, kellhom effett devastanti fuq il-popolazzjonijiet rurali li jgħixu u jaħdmu f'dawk ir-reġjuni. Inqered ammont konsiderevoli ta' potenzjal ta' produzzjoni agrikola u tal-forestrija u, bħala konsegwenza, il-bdiewa, id-detenturi tal-foresti u n-negozji rurali fir-reġjuni affettwati minn diżastri naturali qed jiffaċċjaw telf sinifikanti ta' introjtu. Sabiex jiġu indirizzati malajr il-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-ikel tal-Unjoni u tal-komunitajiet rurali li jirriżultaw minn dawk id-diżastri naturali, huwa xieraq li jiġi pprovdut malajr appoġġ effettiv eċċezzjonali permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), implimentat taħt il-programmi ta' żvilupp rurali, u li tiġi prevista aktar flessibbiltà għar-regoli eżistenti.

(2) Sabiex ikun hemm rispons għall-konsegwenzi tad-diżastri naturali li seħħew fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara, jenħtieġ li tkun prevista miżura ġdida temporanja u eċċezzjonali ("il-miżura l-ġdida") għall-indirizzar tal-problemi ta' likwidità li jheddu l-kontinwità tal-attivitajiet tal-biedja u tal-forestrija u l-kontinwità tal-attivitajiet ta' negozju ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija. Barra minn hekk, l-appoġġ għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jenħtieġ li jissaħħaħ billi tiġi pprovduta aktar flessibbiltà baġitarja fir-rigward tal-limitu ta' nonrigressjoni previst fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (il-"limitu ta' nonrigressjoni").

(3) Peress li l-finanzjament tal-miżura l-ġdida se jiġi pprovdut permezz tal-FAEŻR, il-qafas legali stabbilit għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], kif ukoll tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dawk ir-Regolamenti, għandhom japplikaw għall-miżura l-ġdida.

---

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1305/oj).

5 Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2220/oj).

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1306/oj).

(4) Il-perjodu ta' programmazzjoni tal-FAEŻR ġie estiż bir-Regolament (UE) 2020/2220 sabiex jibqa' għaddej sal-31 ta' Diċembru 2022 b' implimentazzjoni li tibqa' għaddejja sal-31 ta' Diċembru 2025. Ir-Regolament (UE) 2020/2220 ippreveda wkoll regoli tranżizzjonali li japplikaw matul dak il-perjodu ta' estensjoni. Peress li l-FAEŻR bħalissa qiegħed f'dan il-perjodu estiż ta' implimentazzjoni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-miżura l-ġdida u jiġu previsti aktar flessibbiltajiet baġitarji fir-rigward tal-limitu ta' nonrigressjoni billi jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2020/2220.

(5) Sabiex tiġi prevista aktar flessibbiltà baġitarja għar-riallokazzjoni tal-finanzjament għall-miżura l-ġdida u s-submiżura eżistenti għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola, filwaqt li jitkomplew l-investimenti u l-azzjonijiet ippjanati fil-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima biex jittaffa l-impatt tad-diżastri kkawżati mill-klima dejjem aktar frekwenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew inaqqsu l-limitu ta' nonrigressjoni b'massimu ta' 15 punti perċentwali iżda mhux taħt il-limitu minimu ta' 30 %.

(6) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzaw bis-sħiħ il-konsegwenzi tad-diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta’ Jannar 2024 jew wara, jenħtieġ li jkun permess li jagħżlu operazzjonijiet ta’ appoġġ li jkunu tlestew fiżikament jew li jkunu ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma l-applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-programm ta’ żvilupp rurali tiġi ppreżentata lill-awtorità ta’ ġestjoni, dment li dawk l-operazzjonijiet ikunu b’reazzjoni għal tali diżastri naturali.

(7) L-appoġġ skont il-miżura l-ġdida, li għandu l-għan li jiżgura l-kompetittività tal-SMEs kif ukoll il-vijabbiltà tal-bdiewa u tad-detenturi ta’ foresti, jenħtieġ li jikkonċentra r-riżorsi disponibbli fuq il-benefiċjarji li huma l-aktar affettwati minn diżastri naturali u li dawk ir-riżorsi jingħataw abbażi ta’ kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-appoġġ jenħtieġ li jingħata biss lil dawk il-benefiċjarji li kienu affettwati minn qerda ta’ mill-inqas 30 % tal-produzzjoni jew tal-potenzjal rilevanti bħala riżultat ta' diżastru naturali rikonoxxut formalment, jew miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] b'rabta ma’ tali diżastru naturali.

(8) Minħabba n-natura urġenti, temporanja u eċċezzjonali tal-miżura l-ġdida u l-ħtieġa għal żborż rapidu u sempliċi tal-pagamenti korrispondenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti pagament ta’ darba u data tat-tmiem għall-applikazzjoni tal-miżura l-ġdida.

---

[7] Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj).

(9) Sabiex jingħata iktar appoġġ lill-bdiewa, lid-detenturi ta' foresti jew lill-SMEs li huma l-aktar affettwati minn diżastri naturali, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jaġġustaw il-livell tas-somom f'daqqa għal ċerti kategoriji ta' benefiċjarji eliġibbli, pereżempju billi jiffissaw ċerti faxex jew kategoriji ġenerali tal-benefiċjarji eliġibbli, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

(10) Meta jagħtu l-appoġġ għall-miżura l-ġdida, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-appoġġ mogħti fil-kuntest ta' strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew fil-kuntest ta' skemi privati b'rispons għall-impatt tad-diżastri naturali.

(11) Ir-riżorsi għall-miżura l-ġdida għandhom jiġu pprogrammati b'rata ta' kofinanzjament sa 100 %.

(12) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed fondi għall-miżura l-ġdida mingħajr ma jiġu pperikolati l-objettivi l-oħrajn tal-programmi tal-iżvilupp rurali, jenħtieġ li jiġi ffissat is-sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-miżura l-ġdida.

(13) L-appoġġ għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola u tal-forestrija b'reazzjoni għal diżastri naturali jenħtieġ li jipprijoritizza l-operazzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju "Nibnu mill-ġdid aħjar", jiġifieri l-użu tal-fażijiet ta' rkupru, riabilitazzjoni u rikostruzzjoni wara diżastru biex tiżdied ir-reżiljenza tas-settur tal-biedja u tal-forestrija permezz tal-integrazzjoni ta' miżuri għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, kif indikat fil-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, filwaqt li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet magħżula jirrappreżentaw l-aħjar relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ u l-objettiv li tiġi żgurata r-reżiljenza għad-diżastri.

(14) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-benefiċjarji affettwati minn diżastri naturali u tal-Istati Membri meta tiġi rikonoxxuta "force majeure", jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jikkunsidraw iż-żona kollha bħala affettwata serjament minn diżastru naturali.

(15) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miżura l-ġdida permezz tal-programmi ta' żvilupp rurali fi ħdan il-qafas legali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, kif estiż bir-Regolament (UE) 2020/2220, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kumissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni jkunu relatati mal-preżentazzjoni tal-miżura l-ġdida fil-programmi ta' żvilupp rurali, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali, il-preżentazzjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kontrolli u tal-penali. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

---

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(16) Minħabba li l-objettiv ta’ dan ir-Regolament, jiġifieri li jindirizza u jtaffi l-impatt tad-diżastri naturali fuq is-setturi agroalimentari u tal-forestrija tal-Unjoni billi jipprovdi appoġġ temporanju eċċezzjonali permezz tal-FAEŻR, ma jistax jinkiseb b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista’ pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, f’konformità mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/2220 jiġi emendat skont dan.

(18) Minħabba l-effetti devastanti tad-diżastri naturali attwali u l-urġenza li jindirizza u jtaffi l-impatt tagħhom fuq is-settur agroalimentari u tal-forestrija tal-Unjoni, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta’ tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

(19) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-miżura l-ġdida prevista u bħala kwistjoni ta’ urġenza fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jindirizza u jtaffi l-impatt tad-diżastri naturali fuq is-setturi agroalimentari u tal-forestrija tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2020/2220 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, ta' dan il-paragrafu, meta jallokaw mill-ġdid il-fondi u jonfqu l-fondi għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu s-sehem globali tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR riżervata għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Dak it-tnaqqis ma għandux imur lil hinn mill-ammonti tal-FAEŻR riallokati għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, u ma għandux jaqbeż il-15-il punti perċentwali tas-sehem globali tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR stabbilit fil-programmi ta' żvilupp rurali għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Għal dak il-fini, għandu jitqies is-sehem globali tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR stabbilit fil-programmi ta' żvilupp rurali kif ippjanat fiż-żmien tal-estensjoni tal-perjodu ta' durata tal-programmi appoġġati mill-FAEŻR sal-31 ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Is-sehem globali riżervat għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ma għandux ikun inqas mil-limitu minimu stabbilit f'dak l-Artikolu. L-istess tnaqqis f'punti perċentwali jista' jiġi applikat għar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 58a(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 mingħajr ma jiġu riallokati fondi għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.";

(2) fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. B'deroga mill-Artikolu 65(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tagħżel li tappoġġja operazzjonijiet li jkunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, dment li dawk l-operazzjonijiet jiġu implimentati permezz tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), jew fl-Artikolu 24(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u dment li tali operazzjonijiet jipprovdu rispons għal diżastru naturali li seħħ fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara.";

(3) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 6a*

*Appoġġ temporanju eċċezzjonali lill-bdiewa, lil detenturi tal-foresti u lill-SMEs partikolarment affettwati minn diżastri naturali*

1. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jipprovdi assistenza ta' emerġenza lill-bdiewa, lid-detenturi ta' foresti u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li huma partikolarment affettwati minn diżastri naturali, bil-għan li tkun żgurata l-kontinwità tal-attività kummerċjali tagħhom, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li jkun seħħ diżastru naturali kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (k), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara u li dak id-diżastru naturali, jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard tal-pjanti jew pesti, ikunu kkawżaw il-qerda ta' mill-anqas 30 % tal-produzzjoni jew tal-potenzjal rilevanti.

3. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jingħata lill-:

(a) bdiewa;

(b) lid-detenturi ta' foresti privati u pubbliċi u korpi oħra tad-dritt privat u pubbliċi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, minbarra foresti li huma proprjetà tal-Istat ġestiti mill-Istat;

(c) SMEs li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp ta' prodotti agrikoli koperti mill-Anness I għat-TFUE jew tal-qoton, ħlief għall-prodotti tas-sajd; jew

(d) SMEs attivi fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-foresti.

Fir-rigward tal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, l-output tal-proċess tal-produzzjoni jista' jkun prodott mhux kopert mill-Anness I tat-TFUE.

4. L-Istati Membri għandhom jimmiraw l-appoġġ skont dan l-Artikolu lill-benefiċjarji li huma l-aktar affettwati minn diżastri naturali, billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà abbażi tal-evidenza disponibbli.

5. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jingħata bħala somma f'daqqa li għandha titħallas sal-31 ta' Diċembru 2025, abbażi tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ approvati mill-awtorità kompetenti sat-30 ta' Ġunju 2025. Il-livell tal-pagament jista' jvarja minn kategorija ta' benefiċjarji għal oħra, abbażi tal-kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

6. L-ammont massimu ta' appoġġ skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż l-EUR 42 000 għal kull benefiċjarju.

7. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ mogħti taħt strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi privati li jirrispondu għall-impatt tad-diżastri naturali sabiex jiżguraw ġestjoni finanzjarja tajba f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**], kif applikabbli, filwaqt li jimmiraw l-appoġġ lill-benefiċjarji li huma l-aktar affettwati minn diżastri naturali.

*Artikolu 6b*

*Dispożizzjonijiet applikabbli għall-appoġġ temporanju eċċezzjonali lill-bdiewa, lid-detenturi ta' foresti u lill-SMEs partikolarment affettwati minn diżastri naturali*

1. L-appoġġ temporanju eċċezzjonali msemmi fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament għandu jiġi ffinanzjat mill-FAEŻR bħala miżura skont it-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

2. Il-kontribuzzjoni massima tal-FAEŻR għall-miżura msemmija fl-Artikolu 6a għandha tkun ta' 100 %.

3. L-appoġġ tal-FAEŻR ipprovdut għall-miżura msemmija fl-Artikolu 6a ma għandux jaqbeż l-10 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali għas-snin 2021-2022.

*Artikolu 6c*

*Forza maġġuri*

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għall-finijiet tal-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK meta jiġu rikonoxxuti l-każijiet ta' "force majeure", kif imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament, meta diżastru naturali serju jaffettwa b'mod gravi żona determinata sew, l-Istat Membru kkonċernat jista' jqis li dik iż-żona kollha tkun affettwata serjament minn dak id-diżastru.

*Artikolu 6d*

*Setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 6a permezz ta' programmi ta' żvilupp rurali fil-qafas legali applikabbli fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, estiż f'konformità mal-Artikolu 1, dwar:

   (a) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali;

   (b) il-preżentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali;

   (c) il-preżentazzjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni;

   (d) l-implimentazzjoni tal-kontrolli u tal-penali.

2. L-atti ta' implimentazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[***].

*Artikolu 6e*

*Proċedura ta' kumitat*

1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6d(1), il-punti (a), (b) u (c), ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali stabbilit permezz tal-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6d(1), il-punt (d), ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli stabbilit permezz tal-Artikolu 103(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[****]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

[*] Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj).

[**] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

[***] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2011/182/ojhttps://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

[****] Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/2116/ojhttps://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

*(Taffettwa l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.)*